20 ta' April, 1995

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A. LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

N.N.

*versus*

N.N.

## Żwieġ - Obbligu ta' Manteniment Reċiproku - Dekadenza

*Il-Kodiċi Ċivili Kap. 16 jipprovdi għall-obbligu reċiproku tal-manteniment bejn il-miżżewġin fl-artikolu 3.*

*L-uniku każ fejn il-liġi tipprovdi għal dekadenza mid-dritt tal-manteniment huwa l-artikolu 6.*

*Fil-każ preżenti l-mara telqet mid-dar taż-żwieġ u minkejja li ġiet innotifikata b'ittra uffiċċjali rrifjutat li tmur lura fl-istess dar. Il-Qorti trid teżamina jekk il-mara kellhiex raġuni xierqa biex titlaq mid-dar.*

*Jirriżulta li f'ħames xhur ta' żwieġ il-konvenut ma ħa ebda pass biex jersaq lejn l-attriċi, jew ikollu x'jaqsam magħha. Din il-Qorti ma għandhiex dubbju li fil-bidu taż-żwieġ, għal koppja li tkun ilha tmien snin tinnamra, dan l-atteġġjament tal-konvenut m'huwiex atteġġjament naturali, la mil-lat uman ċivili, u lanqas minn dak reliġjuż.*

*Dan l-atteġġjament tal-konvenut jikkostitwixxi fil-konfront ta' l-attriċi eċċess, moħqrija u wkoll offiża gravi, jekk mhux fuq il-persuna ta' l-istess mara, pero' żgur fuq il-psikoloġija tagħha.*

Il-Qorti:-

Permezz ta' ċitazzjoni ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Ġunju, 1991 l-attriċi sostniet li hija kienet ippreżentat ċitazzjoni oħra kontra żewġha fl-4 ta' Ottubru, 1990 għan-nullita' taż-żwieġ minħabba torti tiegħu, u dana wara li kienet kostretta titlaq mid-dar taż-żwieġ;

Minn dak in-nhar hu ma tahiex aktar alimenti, kienet kostretta toħroġ taħdem u kellha tissellef il-flus;

Talbet għalhekk il-kundanna tal-konvenut għall-alimenti, u dana b'effett mill-1 ta' Ottubru, 1990;

Fl-eċċezzjonijet tiegħu, il-konvenut, liema eċċezzjonijiet ġew preżentati fit-30 ta' Awissu, 1991 jallega li l-attriċi ddekadiet mid-dritt għall-alimenti. telqet mid-dar konjugali mingħajr raġuni, u rrifjutat li tirritorna nonostante li mitluba tagħmel hekk permezz ta' ittra uffiċjali;

*Omissis*;

Il-kawża ġiet deċiża fid-19 ta' Jannar, 1993 u l-parti deċiżiva tagħha hekk tgħid:

"Ikkunsidrat:

Illi l-attriċi ppromoviet dina ċ-ċitazzjoni peress illi żewġha l-konvenut ma huwiex qiegħed jagħtiha manteniment u dan sa mit-tlieta (3) ta' Ottubru, 1990 ċjoe' minn meta hija allontanat ruħha mid-dar konjugali, sa dik id-data huwa kien iħallasha tmenin lira fix-xahar għall-bżonnijiet tagħha u tal-familja waqt li huwa baqa' jħallas ċerti kontijiet ta' servizzi;

*Omissis*;

Illi l-konvenut eċċepixxa illi martu tilfet id-dritt għall-manteniment peress li hija ma rritornatx fid-dar konjugali nonostante li huwa intimaha b'ittra ġudizzjarja biex tagħmel dan. Dwar dan il-punt, kemm mix-xhieda ta' l-attriċi kif ukoll mid-dikjarazzjoni ta' ommha, jidher illi l-konvenut kien jittrattaha ħażin, ħaġa li fil-kliem l-omm tinkwadra ruħha fis-sitwazzjoni ta' frustrazzjoni li kien hemm minħabba fin-nuqqas ta' relazzjonijiet sesswali bejn il-kontendenti;

Illi inoltre l-attriċi istitwiet proċeduri quddiem il-Qorti Ekklesjastiku biex jiġi ddikajarat null iż-żwieġ tagħha mal-konvenut, minħabba nuqqas ta' konsumazzjoni u biex setgħet tintavola azzjoni simili hija kellha bil-fors tallontana ruħha mid-dar konjugali, ħaġa li hi għamlet fit-2 ta' Ottubru, 1990 u l-għada stess ħadet il-passi fl-imsemmi Tribunal;

Illi l-Qorti tifhem li fiċ-ċirkostanzi li kienu qegħdin jgħixu fihom il-kontendenti, ċertament illi kien hemm nuqqas ta' qbil bejniethom u allura l-attriċi kienet ġustifikata illi toħroġ mid-dar konjugali sakemm jitlestew il-proċeduri legali kollha;

Illi l-konvenut jibbaża l-każ tiegħu tad-dekadenza billi jikkontendi li meta telqet mid-dar konjugali, l-attriċi ma kellhiex ir-*reasonable cause* rikjesta mill-artikolu 6 tal-Kodiċi Ċivili, peress illi hu ma huwiex qed "jaħqarha jew kien qed jibdilha, jew kien qed isawwatha, jew jheddidha";

Illi l-konvenut ma jinnegax li wara sitt xhur iż-żwieġ kien għadu ma ġiex ikkunsmat u fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu jissottometti: "illi r-raġuni tan-non-konsumazzjoni ma ġietx stabbilita u jista' jkun li ż-żwieġ ma ġiex ikkunsmat għar-raġunijiet fiżiċi jew psikoloġiċi attribwibbli lill-attriċi"; mid-dikjarazzjonijiet u mill-provi li tressqu, l-Qorti hi tal-fehma li tali non-konsumazzjoni ma kinitx dovuta għall-attriċi u kienet tħossha ferm frustrata li żewġha ma kienx wasal biex jopra b'mod li tali sitwazzjoni tiġi mibdula;

Illi l-liġi ma tiddefinixxix ir-*reasonable cause* rikjest u għalhekk huwa kompitu tal-Qorti li teżamina ċ-ċirkostanzi viġenti fil-każ partikolari;

Illi l-konsumazzjoni ta' l-att matrimonjali huwa ċertament wieħed mill-aspettattivi leċiti u anke loġiċi taż-żewġ għarajjes u n-nuqqas prolungat tiegħu ħafna drabi jwassal għad-disgwid u jikkaġuna deterjorament fit-trattament reċiproku u konsegwentement skontri negattivi;

Illi mir-riżultanzi proċesswali l-Qorti tifhem illi bejn il-kontendenti avverat ruħha sitwazzjoni infeliċi u l-attriċi kellha ġustifikazzjoni aċċettabbli għall-allontanament tagħha mid-dar konjugali;

Illi l-attriċi tippretendi illi l-effett ta' kwalsiasi manteniment mogħti mill-Qorti għandu jkollu effett mid-data ta' meta telqet mid-dar; b'dana kollu l-Qorti tirrileva illi kien biss fl-għaxra ta' Ġunju, 1991 illi l-attriċi istitwit dawna l-proċeduri, ċertament kieku kienet fil-bżonn illi hi ddeskriviet, il-proċeduri kienet teħodhom qabel. Għalhekk il-Qorti sejra teżamina din is-sitwazzjoni biss mill-imsemmija data tal-preżentata;

Illi l-Qorti meta tikkonsidra l-livell ta' ħajja li hija konformi mal-mezzi taż-żewġ konjugi, tifhem illi l-attriċi setgħet kellha bżonn tinkorri f'xi debiti għall-perijodu meta żewġha ma kienx qiegħed jgħaddilha manteniment, pero' l-ammont imsemmi ta' elf u ħames mitt lira fl-affivdavit li ġie ppreżentat f'Ottubru ta' l-1991, għandu jiġi kkonsidrat għal kollox eċċessiv;

Illi wara li eżaminat iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż l-introjtu li qed tipperċepixxi l-istess attriċi, il-konvenut għandu jħallas lill-martu bħala manteniment is-somma ta' mija u għaxar liri fix-xahar;

Illi rigward it-tieni talba, l-Qorti hi tal-fehma illi l-attriċi kienet ġustifikata li tidħol f'xi self pero' dana mhux fl-ammont minnha pretiż imma għandu jiġi kkalkolat b'erbgħin lira fi-xahar, li għad-dsatax-il xahar illi għaddew, jammonta globalment għas-somma ta' sebgħa mija u sittin lira;

Illi fil-konsiderazzjoni tat-tieni talba, l-Qorti ma tistax ma

tirrilevax illi l-attriċi ilha bosta xhur illi lestiet il-provi tagħha waqt li l-konvenut għar-raġuni jew oħra żamm il-proċeduri b'mod illi s-sentenza setgħet tingħata biss illum;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' l-ewwel talba ta' l-attriċi u tikkundanna lil-konvenut iħallas lill-attriċi bħala manteniment għaliha s-somma ta' mija u għaxar liri fix-xhar, pagabbli bil-quddiem fid-dar tar-residenza tagħha, tilqa' wkoll it-tieni domanda, fis-sens li tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' seba' mija u sittin lira għal djun minnha inkorsi, invista tan-nuqqas tal-pagament tal-manteniment da parti tal-konvenut;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut";

B'nota tas-27 ta' Jannar, 1993, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u b'petizzjoni tal-15 ta' Frar, 1993 quddiem din l-Onorabbli Qorti, il-konvenut appella minn din id-deċiżjoni. L-aggravji tiegħu jikkonsistu prinċipalment illi dwar l-ewwel talba attriċi akkolta mill-ewwel Qorti, jirrepeti l-ilmenti tiegħu li kien ippreżenta fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet;

Hu jsostni fuq l-obbligazzjoni ta' ko-abitazzjoni skond l-artikolu 4 tal-Kap. 16, u d-dekadenza skond l-artikolu 6 ta' l- istess Kap. Jerġa' jsemmi wkoll l-interpretazzjoni tal-ġurisprudenza lokali ta' raġuni valida li jgħid trid tkun ta' ċerta gravita' attwali u kontinwata;

Dwar it-tieni talba attiċi jgħid li fl-ewwel lok is-self ma ġiex ippruvat, u fit-tieni lok ma kien hemm l-ebda talba għar-rifużjoni ta' dan is-self;

Il-Kodiċi Ċivili Kap. 16, kif amendat bl-Att 21 ta' l-1993, jipprovdi għall-obbligu reċiproku tal-manteniment bejn il-miżżewġin fl-artikolu 3. Hekk jgħid l-artkolu 3:

"Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skond il-mezzi u l-ħila tagħhom, jaħdmu kemm jekk fid-dar, kif ukoll barra mid-dar, kif jeħtieġu l-interessi tal-familja, li *jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet tal-familja*";

Dan l-obbligu tal-manteniment reċiproku ma jintemmx bis-separazzjoni personali, u dana ħlief bħala konsegwenza ta' dak li hemm imsemmi fl-artikolu 48 sub-artikolu (1) subinċiż (d). F'każ ta' annullament ovvjament, dan l-obbligu huwa soġġett għal dak li jipprovdi fl-artikolu 6 tal-Att XXIV ta' l-1981, li jemenda l-Att taż-Żwieġ ta' l-1975, partikolarment l-artikolu 20 ta' dak l-Att prinċipali - għax dan l-Att jitkellem proprju fuq manteniment bejn il-miżżewġin fil-każ ta' annullament taż-żwieġ. Fil-każ odjern, pero`, dan l-annulament jirriżulta li għadu ma ġiex ottenut, u sakemm *dan isir, għandhom japplikaw* il-prinċipji normali tal-liġi;

L-uniku każ fejn il-liġi tipprovdi għal dekandenza mid-dritt tal-manteniment huwa l-artikolu 6 li wkoll ġie marġinalment emendat bl-Att ta' l-1993, u hekk jipprovdi:

"Id-dmir tal-manteniment ta' parti fiż-żwieġ lejn il-parti l-oħra jintemm jekk il-parti l-oħra, wara li tkun telqet mid-dar taż-żwieġ bla raġuni xierqa ma tkunx trid tmur lura fid-dar";

Jirriżulta li f'dan il-każ bħala fatt, il-mara telqet mid-dar taż-żwieġ u minkejja li ġiet innotifikata b'ittra uffiċjali rrifjutat li tmur lura fl-istess dar. L-uniku dispositiv għalhekk li jrid jiġi eżaminat

minn din il-Qorti, hu jekk il-mara kellhiex raġuni xierqa biex titlaq mid-dar;

Il-Prim'Awla ddeċidiet li l-mara effettivament kellha raġuni xierqa;

*Bl-ebda mod il-konvenut ma kkontesta l-allegazzjonijiet li saru minn martu kontra tiegħu.* Wieħed għalhekk jasal għall-konklużjoni li fejn hi ssostni li f'ħames xhur taż-żwieġ hu ma ħa ebda pass biex jersaq lejha, jew ikollu x'jaqsam magħha, hija l-verita' ta' dak li ġara f'dan iż-żwieġ infeliċi;

Din il-Qorti m'għandhiex dubbju li fil-bidu taż-żwieġ, għal koppja li tkun ilha tmien snin tinnamra, dan l-atteġġjament tal-konvenut m'huwiex atteġġjament naturali, la mil-lat uman ċivili, u lanqas minn dak reliġjuż. Lanqas din il-Qorti ma għandha esitazzjoni li tasal għall-konklużjoni li dan l-atteġġjament tal-konvenut jikkostitwixxi fil-konfront ta' l-attriċi eċċess, moħqrija u wkoll offiża gravi, jekk mhux fuq il-persuna ta' l-istess mara, pero` żgur fuq il-psikoloġija tagħha;

F'din iċ-ċirkostanza l-mara dehrilha li kellha tieħu passi biex iż-żwieġ tagħha jiġi annullat, u hawn jirriżulta wkoll li konsegwenza ta' dan il-pass li hija ħadet kagun ta' l-atteġġjament tar-raġel, it-Tribunal Ekklesjastiku impona bħala kundizzjoni li titlaq mid-dar konjugali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, jekk *per se* din il-kundizzjoni ma kkostitwietx raġuni valida pero` saħħet ir-raġunijiet validi l-oħra li kellha l-mara biex titlaq mill-istess dar konjugali;

Dwar dan il-punt, għalhekk, l-appell qiegħed jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata;

Dwar il-mezzi taż-żewġ partijiet,

*Omissis*;

Din il-Qorti ma jidhriliex li għandha tiddisturba l-apprezzament magħmul mill-Qorti tal-Prim'Istanza li wkoll eżaminat dawn il-fatturi, u għalhekk dik il-parti tas-sentenza li kkundannat lill-konvenut li jħallas lill-martu bħala manteniment s-somma ta' mija u għaxar liri (Lm110) fix-xahar, pero` mill-10 ta' Ġunju, 1991 qiegħda wkoll tiġi kkonfermata;

Dwar it-tieni talba ta' l-attriċi li l-konvenut kellu jħallas dawk l-alimenti b'efett mill-1 ta' Ottubru, 1990 ċjoe` minn meta ma ħallashiex iktar alimenti għax telqet mid-dar konjugali, u per konsegwenza kellha tinkorri debiti, din il-Qorti tara ċerta inkonsistenza fis-sentenza tal-Prim'Istanza. Meta effettivament il-Qorti kienet iddeċidiet li tikkundanna lill-konvenut biex iħallas aliment biss mill-10 ta' Ġunju meta l-attriċi istitwiet dawn il-proċeduri, ir-raġuni kienet li l-Qorti dddeċidiet li kieku l-attriċi kienet fil-bżonn, l-element essenzjali għall-ħlas ta' l-alimenti, hija kienet tibda l-proċeduri qabel;

Jiġi għalhekk illi jekk l-ammont li ġie akkordat lill-attriċi ta' seba' mija u sittin lira (Lm760) qed jiġi akkordat bħala alimenti, dan huwa inkonsistenti mad-deċide fuq imsemmija. Jekk invece dan qed jingħata lilha bħala refużjoni ta' self li hija kellha bżonn tagħmel, allura din il-Qorti taqbel ma' dak li jsostni l-istess konvenut fil-petizzjoni tiegħu li dan is-self ma ġiex ippruvat u lanqas hemm talba għalih għax it-tieni talba ta' l-attriċi hija għall-kundanna ta' l-alimenti minn ċertu data u mhux għar-refużjoni ta' self;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed tvarja s-sentenza appellata billi tiċħad l-appell għal dak li jirrigwarda l-ewwel talba *ta' l-attriċi, u tikkonferma* li mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni, il-konvenut għandu jgħaddi s-somma ta' mija u għaxar liri fix-xahar (Lm110) bħala alimenti lill-attriċi, pero' tilqa' l-appell għal dak li tirrigwarda t-tieni talba, u għalhekk teżonera lill-istess konvenut mill-ħlas tas-somma globali ta' seba' mija u sittin lira maltija (Lm760);

L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza għandhom ikunu kollha ssopportati mill-konvenut, dawk ta' l-appell maqsuma inkwantu għal żewġ terzi lill-konvenut, u terz lill-attriċi.